MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Numru. 219/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J.Farrugia)**

**vs**

**Victor Parnis**

Kumpilazzjoni Numru: 219/2010

Illum, 20 ta’ Settembru 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Parnis ta’ 51 sena, iben Emmanuel u Martha nee’ Debono, imwieled San Giljan nhar it-28 ta’ Mejju, 1957 u residenti fil-fond Savoy Flats, Flat 11, Triq il-Kavalli, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 370557M

Akkuzat talli nhar il-5 ta' April, 2008 ghal habta ta 16:00hours gewwa Triq San Pawl, in-Naxxar u f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor, fuq vettura tal-marka Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni KBI 761 ghad-dannu ta' Rose (Rosina) Parnis li ghandha numru ta' karta tal-identita' 00433364(M) u terzi persuni ohra, hsara li tammonta  madwar €685, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centemzu (€1,164.69), imma ta' izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

2. Flimkien ma' theddid lil Clive Parnis li ghandu numru ta' karta ta' l-identita' 04576963 (M) ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni ai terminu ta' l-artikolu 249 (2) tal-Kapitolu 9.

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Clive Parnis li ghandu numru tal-karta tal-identita' bin-numru 04576963(M), Rose (Rosina) Parnis li ghandu numru tal-karta ta' l-Idenita' bin-numru 00433364(M), biza li ser tintunza vjolenza konrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza/i tal-Qorti liema sentenza/i saret/saru definittivi u ma tistax/jistghux tigi/jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba illi fil-kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta'protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kwateli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat l-artikoli 49, 50, 249(2), 251B u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti processwali u d-dokumentui esebieti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi l-parte civile Rose Parnis u Clive Parnis irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli. Ghalhekk il-procediment ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi l-unika xhieda tal-prosekuzzjoni kienu l-parte civile Rose Parnis u Clive Parnis, mart u bin l-imputat. Dawn kif kellhom dritt jaghmlu ghazlu li ma jixhdux. L-unika prova ohra li kellha l-prosekuzzjoni kienet filmat mehud minn CCTV pero dan kien b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa mill-imputat. B'din l-unika prova u fin-nuqqas tad-depozizzjoni tal-parte civile ma gietx pruvata l-pluralita ta' azzjoni, element essenzjali biex tissussisti t-tielet imputazzjoni liema imputazzjoni ghalhekk ma gietx sodisfacjentement pruvata.

Illi r-raba imputazzjoni u cioe dik tar-recidieva hija konsegwenzjali ghas-sejbin ta' htija. La darba l-imputat qed jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni din ir-raba imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, ssibu hati ta'l-ewwel u r-raba imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------